V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10359 — Carsales Holdings/Goldman Sachs/Eurazeo/Open Road)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 292/02)

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Carsales Holdings US, LLC (l-Istati Uniti), ikkontrollata minn carsales.com Limited ("Carsales", l-Awstralja),

— The Goldman Sachs Group ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti),

— Eurazeo SE ("Eurazeo", Franza),

— Open Road Parent, LLC ("Open Road", l-Istati Uniti).

Carsales, Goldman Sachs u Eurazeo jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Open Road.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Carsales: negozju online tal-karozzi, tal-muturi u tal-opri tal-baħar ibbażat fl-Awstralja b'operazzjonijiet madwar ir-reġjun fil-Paċifiku tal-Asja,

— għal Goldman Sachs: il-forniment ta' servizzi bankarji globali ta' investiment, servizzi ta' ġestjoni tat-titoli u tal-investiment lil korporazzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji, gvernijiet u individwi ta' valur nett għoli.

— għal Eurazeo: grupp ta' investiment globali b'portafoll diversifikat u jiffoka fuq tliet klassijiet ta' assi: l-ekwità privata, id-dejn privat u l-proprjetà immobbli.

— għal Open Road, permezz tas-sussidjarja tagħha Trader Interactive, LLC (l-Istati Uniti): swieq online u soluzzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diġitali relatati fl-Istati Uniti għall-bejgħ ta' vetturi u tagħmir.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10359 — Carsales Holdings/Goldman Sachs/Eurazeo/Open Road

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.